KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

*Uffiċċju tal-Iskrivan* *Office of the Clerk*

28 ta' Ġunju 2024

**Onor. Michael Farrugia**

Il-President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika, l-Ispeaker Anġlu Farrugia, inkarigani nibgħatlek din l-ittra sabiex tiġi mgħarref li:

> wara li l-Kumitat iddiskuta r-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika il-Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi dwar il-Każ K/027 datat 31 ta' Lulju 2023;
>
> wara li fil-laqgħa nru 8 tat-3 ta' Ottubru 2023, l-istess Kumitat adotta l-imsemmi rapport li fih il-Kummissarju Joseph Azzopardi sab ksur da parti tiegħek tal-artikoli 4.4 u 10.3 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari kif spjegat fid-dettall fl-istess rapport; u
>
> wara li fil-laqgħa tat-18 ta' Marzu 2024 ħa nota tas-sottomissjonijiet tiegħek li inti bgħatt lill-Kumitat bil-miktub ai termini tal-Artikolu 28 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570);

fl-istess laqgħa tat-18 ta' Marzu 2024 il-Kumitat iddeċieda li tiġi applikata fil-konfront tiegħek is-sanzjoni kontemplata fil-paragrafu (a) tal-Artikolu 28 tal-Kap. 570, u ċjoè dik ta' ċanfira lill-persuna investigata.

**Eleanor Scerri**
Skrivan tal-Kamra